MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 405/2011

**Dr John Bonnici Mallia, Louisette Sant Manduca, Anna Meli Bugeja, Victoria Camilleri, Charmaine Attard, Margaret Bonnici Mallia, Simon Bonnici Mallia u Michael Bonnici Mallia**

**-vs-**

**Calcedonio Vella**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-26 ta’ April 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi r-rikorrenti huma prorjetarji ta’ porzjon raba’ magħrufa bħala Tal-Megħdi *sive* Tax-Xwieki, li tinsab l-Iklin, limiti ta’ Ħal Lija, tal-kejl superfiċjali ta’ madwar żewġ (2) tumoli, żewġ (2) mondelli u ħames (5) miżuri.

Illi kif jirriżulta mill-kuntratt ta' diviżjoni ta' proprjeta' li jġib id-data tas-16 ta' Awissu 1928 fl-atti tan-Nutar Carlo Micallef de Caro, hija konfinanti mit-Tramuntana u mill-Punent ma' triq pubblika ġja' magħrufa bħala 'Ta' l-Iklin' u mil-Lvant ma' sqaqmsemmi 'Tal-Iklin' u min-Nofsinhar ma' beni ta' William Bookman jew l-aventi kawża tiegħu, kif jidher ukoll mill-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dok A;

Illi r-raba' *de quo* kien ippervjena għand l-awturi tar-rikorrenti in forza tal-att ta' diviżjoni surreferit, u li tagħhom r-rikorrenti huma s-suċċessuri fit-titolu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Illi l-intimat qiegħed jokkupa dan ir-raba' mingħajr edba titolu validu;

Illi interpellat anki uffiċjalment mill-atturi sabiex jiżgombra minn kull parti tar-raba' fuq imsemmi u jħalliha għall-libera dispożizzjoni tagħhom, l-intimat la wieġeb għal din l-interpellazzjoni ġudizzjarja u lanqas ma vvaka l-istess raba';

Għaldaqstant, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa, huma jitolbu lill-intimat jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat qiegħed jokkupa dan ir-raba' magħruf bħala Tal-Megħdi / Tax-Xwieki ġewwa l-Iklin mingħajr ebda titolu validu, u kwindi, illegalment;

2. Konsewgwentement, tikkundanna lill-intimat sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, jiżgombra minn dan ir-raba'.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk relattivi għall-ittra uffiċjali datata 3 ta' Novembru 2008 kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u naqas li jattendi għas-seduta tat-28 ta' Ġunju 2011 u kwindi huwa kontumaċi skond il-liġi;

Rat il-verbal tal-istess seduta li permezz tagħha l-Qorti ddeferiet il-kawża għas-sentenza;

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenut jigi żgumbrat mill-art in kwistjoni u dan *stante* li m'għandu ebda titolu. Kif ġja' ngħad il-konvenut huwa kontumaċi u għalhekk il-verzjoni tal-atturi, konfermata mill-attriċi Louisette Sant Manduca fis-seduta msemmija ma ġietx ribattuta.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi lill-konvenut xahar żmien biex jiżgombra mill-proprjeta' in kwistjoni.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------